**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 241/2021 RM**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1254/2020 fl-ismijiet :-**

**Bernard Mallia**

**-Vs-**

**Ruggier Holdings Company Limited**

**Illum 22 ta' Settembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Ruġġier Holdings Company Limited (C14022) ipprezentat fit-23 ta' Awwissu 2021 li permezz tieghu gie premess u mitlub:-

1. *"Introduzzjoni*

   *1.1. Illi l-attur, Bernard Mallia, talab u ottjena il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv kontra l-esponent għall-valur ta' elfejn u tmien mija u tmienja u tletin Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€2,838.92) rappreżentanti imgħax legali konteġġjat bir-rata ta 8% mill-ġurnata tal-preżentata tar-rikors promotur, u ċioe', t-3 ta' April tal-2009 sad-19 ta' Frar tal-2019.*

   *1.2. Illi l-imgħax li għandu jitħallas "ġie kanonizzat a favur is-sekwestrant bis-saħħa ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti datata 30 ta' Jannar*

*2019, fl-ismijiet "Bernard Mallia v Ruggier Holdings Co Limited", Avviż Numru 125/2009 MLF, liema sentenza għaddiet in ġudikat".*

1.3. *Filfatt proprju fis-sentenza su ċitata, eżattament f'punt numru 5 tad-decide, il-Qorti tgħid is-segwenti: "bl-imgħaxijiet legali kontra s-soċjeta' konvenuta sad-data tal-pagament effettiv".*

1.4. *Illi ai termini tal-Artikolu 281 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjeta' esponenti qedgħa titlob it-tħassir in parte tal-mandat eżekuttiv odjern u dan għar-raġunijiet li qegħdin jiġu hawn spjegati.*

2. *Kunsiderazzjonijiet*

*2.1. Illi l-kunsiderazzjoni li sejra tressaq is-soċjeta' esponenti hija waħda ċara u manifesta. Fil-każ in kwistjoni, is-soċjeta' esponenti qedgħa tiġi mitluba tħallas imgħax legali li beda jiddekorri fit-3 ta' April 2009, proprju meta infetħet il-kawża, liema kawża ġiet differita għas-sentenza li kellha tingħata fil-15 ta' Ottubru 2012, u baqgħet tiġi hekk differita sat-30 ta' Jannar 2019.*

2.2. *Illi huwa ovju li s-soċjeta' esponenti ma taħti xejn għal-fatt li din il-kawża baqgħet tiġi differita "għas-sentenza" għal 8 snin u 299-il ġurnata.*

2.3. *Illi hemm numru ta' sentenzi, anke deċiżi mil-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) u/jew l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali li jikkonfermaw li dawn ċ-ċirkostanzi fejn ikollu jitħallas imgħax żejjed b'riżultat tad-dewmien, jistgħu iwasslu għal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernati, u anke ġie ordnat jitħallas kumpens.*

2.4. *Illi huwa kompletament inġust li s-soċjeta' esponenti, li bdiet tressaq il-provi tagħha fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2011, u kkonkludiet il-provi tagħha fis-seduta ta' wara li kienet msejħa fil-25 ta' Jannar tal-2012, issa qeda ssofri dan il-preġudizzju fid-dawl tad-dewmien eżaġerat min-naħa ta' din l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati.*

2.5. *Illi jkun aktar ġust li l-imgħax legali jiddekorri mid-data tas-sentenza, u ċioe', t-30 ta' Jannar tas-2019, b'dan illi l-imgħax maħdum fuq is-somma kapitali ta' tlett elef u ħames mija u tmienja u tmenin Ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€3,588.97) sal-ġurnata tal-llum tkun tammonta għal erba' mija u tmienja u tletin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€ 438.15).*

3. *Konklużjoni*

*Għaldaqstant fid-dawl tar-raġunijiet premessi, is-soċjeta' esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jgħoġobha tordna r-revoka in parte tal-mandat ta' sekwestru numru 1254/20 fl-ismijiet* ***Bernard Mallia vs Ruggier Holdings Company Limited,*** *u tillimita l-eżekuzzjoni għas-somma ta' erba' mija u tmienja u tletin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€ 438,15) kif hawn fuq indikata. U dan taħt dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni din l-Onorabbli Qorti.*"

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Settembru 2021 li permezz tieghu ordnat *inter alia* li jiġi akkorċjat għal żmien ħamest (5) ijiem it-terminu mogħti lill-eżekutat biex jippreżenta risposta għat-talba u appuntat ir-rikors ghas-smigh;

Rat ir-Risposta registrata mill-eżekutant Bernard Mallia fil-verbal tas-seduta tat-22 ta' Settembru 2021, li tgħid hekk:-

"*Il-lanjanza ta' Ruggier Holdings Ltd hija ta' natura Kostituzzjonali ghax qieghed jghid illi gie pregudikat bil-fatt li l-kawza quddiem din il-Qorti diversament presjeduta damet biex tinqata' ghalhekk qed jitlob riduzzjoni tal-imghax. Dan huwa kjarament bla bazi ghas-segwenti ragunijiet:*

*1. It-talba ghall-hlas kienet wahda likwidata u kif inhu maghruf l-imghax jibda ghaddej mid-data tas-sejha b'att gudizzjarju. Ir-rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati hija talba gudizzjarja u allura l-imghax jibda ghaddej mid-data tal-istess rikors;*

*2. Il-procedura in kwistjoni tapplika biss fejn mandat ikun fih xi tip ta' irregolarita' u dan mhux il-kaz;*

*3. Din il-Qorti m'hiex il-Qorti kompententi biex tindirizza kwistjoni ta' natura Kostituzzjonali bil-procedura odjerna u r-rikorrenti jaf x'hini l-procedura korretta;*

*4. Jekk stess ir-rikorrenti sofra xi lezjoni tad-drittijiet tieghu minhabba d-dewmien fil-proceduri, ir-rimedju mhux dak ta' riduzzjoni tal-imghax izda, se mai, talba ghall-kumpens quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni Kostituzjonali fejn dak il-kumpens jithallas mill-Avukat tal-Istat u mhux mill-esponenti. Bil-mod kif qed jagixxi r-rikorrent l-esponenti qed jispicca, kieku kellha tintlaqa' t-talba tieghu, jhallas hu ghal-lezzjoni illi ghaliha huwa responsabbli l-istat;*

*Ghalhekk it-talba ghandha tigi michuda*".

Rat l-atti kollha tar-rikors, u kif ukoll dawk tal-Mandat eżekutiv li għalih jirreferi;

Semghet lill-abbli difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tat-22 ta' Settembru 2021 jiddikjaraw li tista' tgħaddi biex tiddeċiedi dwar ir-rikors;

Rat illi r-rikors ġie pospost sabiex jingħata l-provvediment finali;

Ikkunsidrat:

Din hija azzjoni ghat-tħassir parzjali ta' mandat eżekuttiv magħmula a tenur tal-Artikolu 281 tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Is-soċjeta' rikorrenti tilmenta illi bil-ħruġ tal-mandat hija qiegħda tiġi ppreġudikata għaliex l-eżekutant talab jeżegwixxi t-titolu ezekuttiv miksub bis-saħħa tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-30 ta' Jannar 2019 fil-kawża fl-ismijiet **Bernard Mallia vs Ruggier Holdings Limited**, in kwantu għal imgħaxijiet f'somma li hija inġusta. Dan il-preġudizzjali huwa msejjes fuq il-kontenzjoni illi s-somma ta' €2,838.92, rappreżentanti l-imgħax fuq is-sorte kanonizzat bis-saħħa tas-sentenza appena msemmija, ġiet konteġġjata mill-eżekutant għaż-żmien kollu li għalaq mid-data tal-preżentata tal-kawża appena msemmija, fit-3 ta' April 2009 u dan minkejja illi s-sentenza, li kellha oriġinarjament tingħata fil-15 ta' Ottubru 2012, ingħatat mill-Qorti biss mad-disa' snin wara - fit-30 ta' Jannar 2019 - mingħajr ebda ħtija imputabbli lilha għal dan id-dewmien. Is-soċjeta' rikorrenti ssostni li hija ma għandhiex tiġi kostretta tħallas imgħaxijiet żejda li jkunu għaddew biss minħabba dewmien ġudizzjarju esaġerat u tikkontendi illi l-eżekuzzjoni tas-sentenza in kwantu għall-imgħax fuq il-kapital, għandha tiġi revokata parzjalment billi tiġi awtorizzata limitatament għas-somma ta' €438.15, konteġġjata mid-data tas-sentenza fit-30 ta' Jannar 2019 sad-data tal-preżentata tar-Rikors odjern b'dan illi jkun biss tali imgħax, mhux l-imghax kif komputat mill-eżekutant, li għandu jkun kolpit bl-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru imsemmi.

L-eżekutant, Bernard Mallia laqa' għal dan ir-rikors billi qal li r-rimedju mfittex mis-soċjeta' rikorrenti m'huwiex wieħed li jista' jingħata minn din il-Qorti permezz tal-proċediment taħt l-Artikolu 281 tal-Kap. 12 għaliex dak li finalment qed tfittex tikseb l-istess rikorrenti m'huwiex it-tħassir tal-Mandat minħabba xi irregolarita' fil-forma iżda kumpens minħabba d-dewmien fil-proċeduri quddiem din il-Qorti diversament

preseduta: kumpens li jista' jingħata biss fi proċeduri quddien qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali.

Ikkunsidrat;

Huwa minnufih evidenti illi s-soċjeta' rikorrenti m'hijiex qiegħda tibbaża t-talba tagħha għat-tħassir tal-Mandat fuq allegazzjoni li l-eżekutant għamel komputazzjoni fattwalment żbaljata tal-imgħaxijiet kanonizzati bis-saħħa tas-sentenza msemmija, jew għaliex is-sekwestrant talab il-ħlas ta' imgħax mhux effettivament kanonizzat. In effetti, minn qari tas-sentenza tat-30 ta' Jannar 2019 mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża bejn il-partijiet[1] (annessa mar-rikors) jirriżulta illi dik il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur, hawnhekk eżekutant, għall-ħlas tas-sorte kwantifikat u mitlub minnu fir-Rikors promotur fis-somma ta' €3,588.97 u "*bl-imgħaxijiet legali kontra s-soċjeta' konvenuta sad-data tal-pagament effettiv*". Imbagħad, abbażi ta' din id-deċiżjoni, l-eżekutant ipproċeda biex talab u ottjena l-ħruġ tal-Mandat ezekuttiv in diżamina kwantu għal imgħaxijiet komputati mid-data tal-preżentata tar-Rikors promotur sad-data li fiha s-sentenza għaddiet in ġudikat.

Il-Qorti tqis illi fil-prinċipju, il-komputazzjoni tas-somma ta' €2,838.92 in linea ta' imgħax bir-rata ta' 8% fuq is-sorte kanonizzat[2] kwantu għall-perijodu speċifikat fil-Mandat[3], hija mhux biss korretta iżda wkoll pjenament konformi sija mal-provvediment moghti fil-parti operattiva tas-sentenza tat-30 ta' Jannar 2019, fuq ċitata, kif ukoll mad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 1139 u l-Artikolu 1141(2) tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-Artikolu tal-aħħar jiddisponi illi f'kaz fejn l-obbligazzjoni ma tkunx ta' xorta kummerċjali, l-imgħaxijiet:-

" ... *għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*"

[1] Rikors Numru 125/2009.
[2] €3,588.97.
[3] Mit-3 ta' April 2009 – id-data tal-preżentata tal-kawża Rikors Nru. 125/2009 – sad-19 ta' Frar 2019 – id-data meta s-sentenza tat-30 ta' Jannar 2019 għaddiet in ġudikat.

Effettivament, jirriżulta mill-kopja tas-sentenza annessa mar-Rikors, illi l-obbligazzjoni mertu tal-kawża bejn il-partijiet deċiża bis-sentenza tat-30 ta' Jannar 2019, kienet ta' xorta ċivili konsistenti fid-danni subiti mill-attur, hawnhekk eżekutant, bħala konsegwenza ta' dewmien da parti tas-soċjeta' rikorrenti odjerna fl-eżekuzzjoni ta' konvenju, u kellha bħala oġġett biss il-ħlas ta' somma determinata. Kemm hu hekk, id-danni reklamati mill-attur ġew kwantifikati fis-somma determinata ta' €3,588.97 diġa' fir-Rikors promotur tal-kawża bejn il-partijiet, bir-riżultat li s-soċjeta' rikorrenti, hemmhekk konvenuta, ġiet interpellata sabiex tħallas dawn id-danni b'dik l-istess talba ġudizzjarja. Dan ifisser illi l-komputazzjoni tal-imgħax mill-eżekutant mid-data tas-sejħa għall-ħlas tad-danni reklamati permezz tal-preżentata tar-Rikors promotur tal-kawża, hija tajba.

Minn dan isegwi illi sostantivament, il-Mandat in diżamina ma ġiex maħruġ ħażin u ma jirriżultax lanqas li s-soċjeta' rikorrenti qiegħda tinvoka xi difett fil-forma tal-Mandat kif maħruġ. Din l-osservazzjoni hija fondamentali għaliex huwa paċifikatament ritenut in materja illi l-proċedura taħt l-Artikolu 281 tal-Kap. 12 hija marbuta ma' dawk in-nuqqasijiet fl-att eżekuttiv innifsu li jeħtiegu li l-Qorti tistħarreġ jekk ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ikunux tħarsu u jkunux jidhru mill-att eżekuttiv innifsu, u jekk dak il-Mandat ikunx inħareġ b'mod abbużiv[4]. Ġie ritenut ukoll, b'mod daqstant assodat, illi ġaladarba r-rimedju mogħti lir-rikorrent taħt l-Artikolu 281 tal-Kap. 12 jingħata "*Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra*"[5], **din il-proċedura qatt ma kienet intiża biex iservi bhala mezz sabiex l-att eżekuttiv jiġi attakkat jew imħassar għal motivi marbutin mal-mertu li abbażi tiegħu jkun inħareg l-istess att ezekuttiv.** Wara kollox, il-proċedura in diżamina tikkonċerna atti eżekuttivi li huma msejsin fuq xejn inqas minn titolu eżekuttiv li jkun eżegwibbli, liema titolu eżekuttiv ikun diġa' għalhekk stabilixxa huwa nnifsu, il-mertu tal-vertenza.

---

[4] Ara provvediment moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Novembru 2008 fl-atti tar-rikors fl-ismijiet **Kummissarju VAT vs Mark Grima et noe et.**

[5] Artikolu 281(1) tal-Kap. 12.

In tema, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-provvediment minnha mogħti fl-ismijiet **Edward Pace v. Michael Sultana et**[6] dwar l-iskop ta' dak li qabel kien l-Artikolu 283A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jikkorrispondi għall-Artikolu 281 tal-lum u kellu l-istess skop identiku, qalet hekk:-

"*... il-Qorti hija tal-fehma li l-ghan li ghaliha ddahlet din id-disposizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, il-parti ezekutata tbati pregudizzju. Minn dak li jirrizulta minn ezami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul ta' l-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra ... l-ligi ma tghidx x'tista' tkun "raguni valida skond il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madanakollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-hrug ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per ezempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji – il-Mandat mertu tal-kawza prezenti m'huwiex Mandat kawtelatorju.*"

Kif appena stabbilit, ma jirriżultax illi l-eżekutant Bernard Mallia naqas b'xi mod meta talab u ottjena l-ħruġ tal-Mandat fis-somma ta' €2,838.92 kwantu għal imgħaxijiet komputati fuq is-sorte kanonizzat bis-sentenza tat-30 ta' Jannar 2019: kif rajna, il-komputazzjoni ta' din is-somma hija konsonanti mhux biss mad-dispost tal-istess sentenza iżda wkoll mal-prinċipji legali in tema tal-kalkolu ta' imgħaxijiet dovuti f'obbligazzjonijiet ta' natura ċivili. Għall-Qorti, dan ifisser mhux biss illi huwa eskluż illi l-eżekutant fil-ħruġ tal-mandat mexa b'abbuż tad-drittijiet tiegħu, iżda jfisser ukoll illi l-fondament tat-talba tas-soċjeta' rikorrenti m'huwa xejn ħlief il-mertu

[6] **Rikors Nru. 287/05 deċiż** fil-5 ta' Mejju 2005.

ta' parti mid-deċiżjoni tal-Qorti fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Jannar 2019. Dan qed jingħad għaliex jirriżulta mill-premessi tar-rikors tagħha illi s-soċjeta' rikorrenti tħoss li ġiet preġudikata mhux biss bid-dewmien eċċessiv fil-prolazzjoni tas-sentenza iżda wkoll bil-fatt illi l-Qorti li tat l-istess sentenza[7], laqgħet *sic et simpliciter* it-talba attriċi għall-ħlas tal-imgħax sad-data tal-pagament effettiv mingħajr ma pprovdiet bl-ebda mod kwantu għall-ħlas ta' dawk l-imgħaxijiet li laħqu għaddew matul dawk is-snin kollha li l-kawża baqgħet differita għas-sentenza. Hu ovvju mill-korp tar-rikors tagħha illi s-soċjeta' rikorrenti kienet qiegħda tistenna illi dik il-Qorti stess tagħti fis-sentenza tagħha, provvediment jew riżerva marbuta mal-ħlas ta' dawk l-imgħaxijiet li għaddew minħabba d-dewmien ġudizzjarju esaġerat fil-proċeduri quddiemha jew inkella, illi l-eżekutant innifsu fil-ħruġ tal-att eżekuttiv, kellu minn jeddu jonqos milli jipproċedi għall-eżekuzzjoni ta' dawk l-istess imgħaxijiet.

Il-Qorti, mingħajr ma tesprimi fehmitha dwar is-siwi o meno tal-pretensjoni tas-soċjeta' rikorrenti fir-rigward, tqis illi l-kontestazzjoni tagħha dwar l-eżekuzzjoni kwantu għall-imgħaxijiet li ma ġewx minħabba d-dewmien tagħha fl-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni tal-ħlas, hija marbuta intrinsikalment mal-mertu nnifsu tal-proċeduri tal-kawża bejn il-partijiet, deċiża finalment bis-sentenza tat-30 ta' Jannar 2019 li bis-saħħa tagħha l-att ezekuttiv mitlub mill-ezekutant, inħareġ. Wara kollox, kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Vincent Brincat v. Anna Caruana**, riferibbilment għall-komputazzjoni tal-imgħaxijiet abbażi tal-Artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili:-

"*... huwa evidenti minn din id-disposizzjoni illi l-obbligazzjoni ta' l-interessi hija accessorja in kwantu l-istess norma ma tippresupponix indagini awtonoma mill-kreditu nnifsu.*"[8]

Huwa indiskuss, fil-fehma tal-Qorti, illi l-proċediment taħt l-Artikolu 281 tal-Kap. 12, invokat mis-soċjeta' rikorrenti, mhuwiex maħsub biex jindirizza lmenti bħal dawk

[7] Tat-30 ta' Jannar 2019.
[8] Appell Civili (Inf.) Nru. 832/01 deċiż fit-3 ta' Gunju 2004.

ventilati fir-rikors odjern, *multo magis* meta jirriżulta illi s-sekwestrant eżerċita korrettement id-drittijiet legali tiegħu naxxenti minn titolu eżekuttiv. Hu bil-wisq ovvju li s-soċjeta' rikorrenti setgħet, bl-applikazzjoni ta' prinċipji legali bażilari fil-kalkolu ta' imgħaxijiet, tobsor illi l-komputazzjoni tal-imgħax kif effettivament saret għall-fini tal-Mandat *de quo*, kienet ser tkun effett naturali tal-kanonizzazzjoni tal-kreditu tal-eżekutant odjern bis-saħħa tas-sentenza tat-30 ta' Jannar 2019 u d-deċiżjoni dwar il-ħlas tal-imgħax fuq il-kapital. Jekk ghalhekk ma użufruwietx mill-mezzi legali a dispozizzjoni tagħħha tempestivament, żgur li ma tistax tinqeda bl-istitut tat-tħassir ta' mandat ezekuttiv a tenur tal-Artiklu 281 tal-Kap. 12, meta l-istess mandat ġie maħrug legalment u korrettement bil-ħarsien tar-regoli proċedurali kollha applikabbli.

Mill-bqija l-Qorti tosserva li l-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni mad-daqqa t'għajn jidher li jħares dak kollu li tipprovdi l-liġi għas-siwi tiegħu u bla dubju inħareg minn Qorti kompetenti u kien kollazzjonat kif imiss mir-Registratur tal-Qrati. Għalhekk ma jirriżultax illi hemm ebda raġuni tajba biex l-istess Mandat ta' Sekwestru jiġi mħassar, lanqas parzjalment.

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qieghda tiċħad it-talba tas-soċjeta' Ruggier Holdings Limited fir-rikors tagħha tat-23 ta' Awwissu 2021 għat-tħassir *in parte* tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1254/2020 fl-ismijiet <u>Bernard Mallia vs. Ruggier Holdings Limited</u>, billi mhix misthoqqa.**

**L-ispejjez ta' dan il-procediment jithallsu mis-soċjeta' rikorrenti.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**